# Tifkira tal-450 sena mill-Assedju l-Kbir tal-1565

**Fr. Victor Mangion *SDB***



U int taf, O Malta, ċkejkna u ħelwa,
li fil-miżien li jiżen il-ġrajjiet,
kien hemm fil-keffa l-waħda
l-qalb ta' wliedek,
fl-oħra l-kotra tal-għadu u
l-kefrijiet!

*(Mill-Għanja tar-Rebħa ta' Dun Karm Psaila)*

Ma jistax wieħed jitkellem dwar l-Assedju tal-1565 bla ma jieħu inkonsiderazzjoni l-ġrajjiet li wasslu għalih, għaliex wara kull ġrajja hemm storja.

Il-Kristjaneżmu kien sar ir-Reliġjon tal-Istat wara li l-Imperatur Kostantinu waqqaf l-Imperu Biżantin ġewwa Kostantinopli (Istanbul fit-Turkija tal-lum) fis-snin 306 Wara Kristu.



***Kostantinopli***

Fil-frattemp, ir-reliġjon Musulmana taf il-bidu tagħha lil Mohammed li miet fis-sena 623.

Ma' kull seklu wieħed isib taqlib u tibdil. Nibtet l-Ordni ta' San Ġwann li taf il-bidu tagħha fl-1048, meta merkanti mir-Repubblika ta' Amalfi kisbu permess mingħand il-Kalif tal-Eġittu, li kien Musulman, biex jibnu knisja, kunvent u sptar ġewwa Ġerusalemm biex jieħdu ħsieb pellegrini ta' kull reliġjon u razza li jżuru l-Art Imqaddsa. Minn dan naraw li jista' jkun hemm djalogu u tolleranza bejn ir-reliġjonijiet li permezz t'hekk ikunu jistgħu jgħixu u jaħdmu flimkien. Għaliex mela nħolqot tant rivalità u mibgħeda? L-Ordni ta' San Ġwann aktar tard żviluppa f'Ordni monastiku, li biex il-Kavallieri jaqdu dmirhom aħjar, kienu jieħdu l-voti tal-faqar, tal-kastità u tal-ubbidjenza.

Fl-istess waqt li l-Ordni ta' San Ġwann kienet qed tagħti dan is-servizz, Ġerusalemm kienet taħt il-ħakma tal-Imperu Ottoman. X'ġara mela? Il-mexxejja Nsara tal-Punent bdew jagħmlu kruċjati biex jerġgħu jiksbu l-postijiet Imqaddsa. Dawn il-kruċjati, li minnhom kien hemm sebgħa kbar u oħrajn iżgħar, kienu jħallu ħafna vittmi u l-Kavallieri tal-Ordni kienu jsibu ħafna x'jagħmlu fl-isptar tagħhom. Eventwalment, iżda, l-Ordni ta' San Ġwann ħasset il-ħtieġa li tingħaqad mal-kruċjati u għalhekk żiedet l-aspett militari ma' dak tal-kura tal-morda.

L-ambizzjoni għas-supremazija dejjem iġġib magħha ħafna nkwiet. Kristu lill-Appostli, meta bdew jitkellmu fuq dan, ċanfarhom u qalilhom; *"Fostkom m'għandux ikun hekk, imma min hu l-akbar fostkom għandu jkun il-qaddej ta' kulħadd"*. Dawn il-kruċjati servew biex inħolqot mibgħeda kbira bejn dawn iż-żewġ reliġjonijiet. Saru atroċitajiet miż-żewġ naħat u xorta l-Insara ma rnexxilhomx jakkwistaw dak li xtaqu u minħabba l-assoċjazzjoni tal-Ordni mal-kruċjati, sfat imkeċċija mill-Art Imqaddsa fl-1291.

L-Ordni mbagħad marret Ċipru u ġiet imkeċċija



Imperatur Karlu V




Papa Klement VII



Il-Kursar Dragut



Il-Gran Mastru D'Homedes



Il-Gran Mastru L'Isle Adam

minn hemm ukoll, u aktar tard sabu posthom ġewwa Rodi, fejn l-Ordni ssaħħet u laqgħet fiha membri minn diversi nazzjonijiet Ewropej. Sadanittant, iżda l-Imperu Ottoman, ħalef li jeqred darba għal dejjem ir-reliġjon Nisranija li kienet tħaddan l-Ordni, u fl-1523 assedjaw Rodi u wara sitt xhur il-Kavallieri ta' San Ġwann ħarbu. Damu seba' snin bla territorju u fis-sena 1530, l-Imperatur Karlu V, li kien jaħkem fi Sqallija, bl-approvazzjoni tal-Papa Klement VII, offra l-gżira ta' Malta lill-Gran Mastru l'Isle Adam u l-Kavallieri sħabu, bil-kundizzjoni li jtuh falkun fis-sena u jqaddsu quddiesa nhar il-Qaddisin kollha.

Madwar l-istess żmien ir-reliġjon Musulmana bdiet tinfirex u tikber. L-ambizzjoni għall-poter, xi ftit jew wisq taffettwa lil kulħadd u allura naraw rivalità kbira tikber bejn dawn iż-żewġ potenzi. Fl-1453, l-Imperu Ottoman attakka u rebaħ Kostantinopli li kienet il-belt prinċipali tal-Imperu Ruman. Dan kien ifisser li bil-waqgħa ta' Kostantinopli, l-Imperu Ruman sfaxxa u l-Imperu Ottoman kiber u beda jifrex is-setgħa tiegħu billi jattakka u jirbaħ il-pajjiżi tal-madwar. Kienet l-ambizzjoni tal-Imperu Ottoman li jirbaħ il-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran. Għalhekk, wara l-waqgħa ta' Rodi, bis-saħħa ta' Sulejman, issa kien imiss il-gżejjer l-oħra tal-Mediterran biex l-Imperu Ottoman ikompli javvanza.

Il-Kavallieri malajr sabu posthom f'Malta u bdew iżommu għassa fl-ibħra tal-madwar. Spiss kienu jaqbdu kuntrabandu għaddej u jtellfu lill-Kursar Dragut mill-kummerċ li kien qed jagħmel. Fl-1560 saret taqbida mal-flotta Nisranija ġewwa Djerba fit-Tuneżija u din inqerdet. Għalhekk issa kien jonqos li jsir attakk qawwi fuq Malta biex hekk tinfetaħ it-triq lejn l-Ewropa għall-Imperu Ottoman.

Il-Gran Mastru Juan D'Homedes ħass li attakk kien imminenti fuq Malta u għalhekk ħaseb biex jibni u jsaħħaħ il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-port. Beda mill-Birgu fejn bena l-forti Sant'Anġlu, imbagħad l-Isla bil-forti San Mikiel u fuq l-Għolja Xiberras; illum il-belt Valletta fejn bena l-forti Sant'Iermu.



Il-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu



Il-Forti Sant'Iermu fil-Belt Valletta



Il-Gran Mastru
Jean Parisot de La Valette

Fl-1557, il-Kavallieri għażlu lil Jean Parisot de La Valette bħala Gran Mastru biex imexxihom. Dan kien magħruf għall-attakki tiegħu fuq flotot mhux insara u jieħu skjavi. Biex tagħqad, fl-1564, Romegas, kavallier qalbieni iżda wkoll ambizzjuż, qabad nies ta' ċertu importanza bħala priġunieri, fosthom il-Gvernatur tal-Kajr, il-Gvernatur ta' Lixandra, u l-infermiera tat-tifla tas-Sultan Sulejman. Din tat lit-Torok, opportunità biex jattakkaw










*Il-protesta ta' solidarjetà 'Je suis Charlie' f'Pariġi f'Marzu 2015*

u jeqirdu lill-Kavallieri ta' Malta minn wiċċ l-art bħala tpattija.

Spjuni wasslu lill-Gran Mastru de La Valette aħbar li attakk kien imminenti. Kien nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Mejju 1565, (450 sena ilu), dehret fuq ix-xefaq il-flotta Torka li ankrat qrib Marsaxlokk. Jingħad li kien hemm xi diżgwid bejniethom fejn kien l-aħjar post biex jattakkaw. Iżda l-attakk sar u skont Francesco Balbi, jingħad li l-lejl sar jiddi daqs binhar, bil-kwantità u l-ħruxija tal-kanuni.

Sant'Iermu waqa' iżda minbarra li t-Torok tilfu aktar minn 6,000 suldat, miet ukoll Dragut waqt dan l-assalt.

B'rabja għall-mewt ta' Dragut, Mustafa x'għamel? Qata' ras il-Kavallieri li kien qabad, sallab ġisimhom bla ras fuq slaleb tal-injam u tefagħhom il-baħar f'nofs il-port. U kif irrisponda De Vallette? Qata' ras il-priġunieri Torok u sparahom mill-kanuni tiegħu. Titkexkex tisma' b'dawn l-atroċitajiet u nagħmlu sew għax ma jixirqux id-dinjità tal-bniedem. Meta wieħed iħalli r-rabja u l-pika jirkbuh jasal biex jagħmel ħwejjeġ koroh ħafna. Fi żmienna, kultant nisimgħu bil-frażi: *"kien delitt ta' passjoni"*. Tassew irridu noqogħdu attenti biex ma nħallux il-passjonijiet jiġru bina. In-nuqqas ta' rażan jikkawża ħafna weġgħat. Ir-rażan hija virtù li sfortunatament ftit għadna nagħtu kasha. Ħu pereżempju r-rabja li naraw fis-sewqan fit-toroq tagħna! Biex ma nsemmix oħrajn.

Aħna konna nittamaw li dawn l-atroċitajiet li smajna ma jerġgħux jirrepetu ruħhom, iżda nafu li fi żmienna, propju dan l-aħħar, rajna xeni simili jiġu mwettqa u murija lid-dinja b'ċerta arroganza fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni moderni. U x'kienet ir-reazzjoni





*Il-Papa Franġisku fil-Via Crucis fl-2015 ħdejn il-Kolossew F'Ruma*




***Il-kontroll tal-Isis fir-Sirja u l-Iraq***

tagħna? Nixtieq kieku ma nikkumentax fuq dan imma ma nistax. Mela, meta dan l-aħħar sar attakk fuq rivista komprometténti Franċiża u nqatlu xi nies vilment, kulħadd ġera lejn Franza jipprotesta u jgħajjat *"Je suis Charlie"*. Iżda meta rajna atroċitajiet simili jsiru ġewwa s-Sirja u l-Iraq mill-ISIS, waqajna fis-silenzju. Ħadd ma ħareġ jipprotesta. Kellu raġun il-Papa Franġisku fid-diskors tal-*Via Crucis* fil-Kolossew ta' din is-sena jgħid: *"Għadna naraw illum lil ħutna ppersegwitati, jaqtgħulhom rashom u jsallbuhom quddiem għajnejna u bis-silenzju tagħna qed insiru kompliċi"*.

Issa nirritornaw għall-Assedju. Kienet ħaġa loġika li wara l-waqgħa ta' Sant'Iermu, l-attakki fuq il-forti San Mikiel jiħraxu, u hekk ġara. Saru diversi assalti u l-ġlied kien qalil ħafna, tant li waqt minnhom il-Kunsill tal-Anzjani kien kważi ddeċieda li minn San Mikiel jirtira lejn Sant'Anġlu iżda de La Valette ma qabilx u pprova jsaħħaħ id-difiża. Il-ġlied kompla jiħrax iżda ma damx għaliex għall-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-Maltin u l-Kavallieri, it-Torok iddemoralizzaw ruħhom, meta raw li qed jitilfu ħafna nies u bdew jirtiraw, tant li sat-8 ta' Settembru kienu diġà tellgħu l-kanuni fuq l-iġfna tagħhom.



***Il-Battalja ta' Lepanto***

Ir-rebħa fuq l-Imperu Ottoman f'Malta kellha impatt qawwi ħafna fuq ir-rejiet tal-Ewropa li fehmu li l-aħjar forza hija meta jingħaqdu. L-effett ta' dan intwera fil-battalja ta' Lepanto seba' snin wara, fejn l-Insara jqisuha bħala frott tat-talba tar-Rużarju.

Hemm wisq aktar x'wieħed jgħid dwar l-Assedju l-Kbir, iżda niżbaljaw jekk nieqfu hemm u noqogħdu nixxaħħxu fis-sħana tal-Vittorja ta' dakinhar u ma nħarsux lejn dak li seħħ matul iż-żminijiet. Tajjeb li nfakkru dawn l-avvenimenti iżda ma niqfux hemm.

Importanti nistaqsu: X'wassal biex il-Maltin flimkien mal-Kavallieri wrew qlubija kbira fid-difiża ta' Malta? Ir-risposta jagħtihielna Dun Karm Psaila fil-poeżija *'Għanja tar-Rebħa'*

Iżda ġo sidrek qatt ma birdet l-emmna,
li Alla l-Qawwi tiegħek kien ħabib;
għalhekk żammejt u ma ħarġetx minn fommok,
la lewma, u la tnehida fit-tiġrib.

Dun Karm jagħmilha ċara li bla dubju ta' xejn kienet il-fidi nisranija li għożżew missirijietna li wasslithom għar-rebħa.

Allura tajjeb nistaqsu: fiex tinsab din il-fidi llum? Faċli nieħdu eżempju. Illum ninsabu membri tal-Unjoni Ewropea. Dik l-istess Ewropa li kellha l-biża' li tinħakem mill-Imperu Ottoman u li jkollha tissagrifika r-reliġjon tagħha għax kien ikollha ċċedi għall-impożizzjoni tat-twemmin Iżlamiku. It-theddida għall-fidi nisranija mhux biss huwa l-Iżlam.

Ftit tas-snin ilu kienu talbu lill-eks President Franċiż Giscard d'Estaing, biex ifassal Kostituzzjoni għal din



***L-Assedju fuq il-Forti San Mikiel fis-27 ta' Ġunju 1565***

l-Ewropa magħquda li kienet dejjem qiegħda tikber. Tafu intom li din l-istess Ewropa stħat issemmi lil Alla fil-Kostituzzjoni tagħha bl-iskuża li l-Ewropa issa hija liberali u sekularizzata u l-istqarrija tal-valuri Nsara jxekklu l-progress u l-espansjoni tagħha. Sa hemm wasalna mill-Assedju tal-1565, li nistħu nagħrfu lil Alla bħala s-sisien tat-twemmin tal-Ewropa. Ta' lanqas konna nżommu l-*istatus quo* u mhux immorru lura u nićħdu l-patrimonju li dejjem tagħna identità matul is-sekli. Jidher li m'għadniex daqstant kburin bit-twemmin tagħna daqskemm kienu ta' qabilna, dawk li ssieltu fl-Assedju tal-1565, biex l-identità nisranija tal-Ewropa tibqa' bla mittiefsa.

F'dan il-kuntest għadni niftakar il-karba tal-Papa San Ġwann Pawlu II fuq il-fosos tal-Furjana fl-2001, li naħseb ta' min wieħed ifakkarha. Dakinhar il-Papa b'vući soda qal: *"Malta, Malta! Int irćevejt wisq mill-ministeru ta' San Pawl u mix-xhieda ta' nies qaddisa bħal Ġorġ Preca, Nazju Falzon u Adeodata Pisani. Waqt li tħarsu lejn il-futur, kunu fidili għall-patrimonju li ħallewlkom misirijietkom! Imxu wara Kristu b'qalbkom kollha, u qatt toqogħdu lura milli tiddefendu l-verità li ssalva u l-valuri li jagħtu l-ħajja!"*

F'dan id-dawl, it-tifkira tal-Assedju tal-1565, għandha tixprunana biex nibqgħu dejjem kburin bit-twemmin tagħna u li nkunu lesti li nħarsuh b'demmna, jekk ikun hemm bżonn, bħalma qed jagħmlu ħutna tas-Sirja u ta' postijiet oħra.



***Il-Papa Ġwanni Pawlu II fuq il-Fosos fil-Floriana fis-sena 2001 fil-Beatifikazzjoni ta' Nazju Falzon, Dun Ġorġ Preca u Adeodata Pisani***

ANTHONY MUSCAT

Marble & Granite Works Ltd.
355, Mdina Road, Qormi
Tel: 2144 9908 Mob: 9949 4063
e-mail: amuscatmarble@onvol.net





For monuments, staircases, kitchen tops,
memorial slabs, vanity tops, fireplaces,
porcelain ceramic photos,
bronze articles and statues.